# IL-BOMBLU U L-GĦAJN ĦAŻINA

**Angelo Dougall**

Tabilħaqq li hawn ħafna nies li jemmnu bis-sħiħ fl-*għajn ħażina*, jew, kif aktar magħrufa fostna bħala *l-għajn*, u lil dawn ma ċċaqlaqhom b'xejn minn twemminhom. Inkiteb ħafna dwar dan il-fenomenu tassew ta' qedem, mifrux mad-dinja kollha u mal-ġnus kollha. Fi Sqallija u l-Għarab ta' l-Afrika ta' Fuq, jgħidulha bħalna, *għajn ħażina* jew *magħmul.* L-Ingliżi jafuha bħala *evil eye*, u it-Taljani il-*mal occhio*, filwaqt li l-Indjani ta' l-Indja isejħu dan il-fenomenu *għajn qawwija*.

Kif kiteb Vincent Busuttil fil-ktieb tiegħu dwar il-folklor Malti "Holiday Customs in Malta, and Sports, Usages and Ceremonies, Omens and Superstitions" (1894), bl-Ingliż jgħid: "Hemm xi uħud li għandhom qawwa fil-ħarsa tagħhom."

Madankollu jien tal-fehema li din it-tifsira tal-*għajn ħażina* mhix korretta għal kollox. Imma dawk kollha li jemmnu fiha, jifhmu tajjeb xi tfisser l-*għajn ħażina*. X'inhi l-*għajn*?... hi qawwa li ġġarrab ħsara wkoll fuq bhejjem u xtieli, oġġetti, eċċ.... u għalhekk huma ħafna dawk li bi drawwa jlissnu l-kelmiet "Alla jbierek" sabiex ixejnu l-"qawwa ħażina" jew l-*għajn* jew *magħmul* sabiex ma tiġrix ħsara fuq kull ma jitfgħu il-ħarsa tagħhom. Dwar rimedju għal kontra l-*għajn ħażina*inkiteb ħafna ukoll, u għad baqa' tabilħaqq x'jinkiteb, l-aktar fostna l-Maltin.

Imma se nżomm il-kitba tiegħi dwar dan is-suġġett, fuq il-bomblu, u x'kienu jagħmlu il-Bormliżi kontra l-*għajn ħażina* li tista' titħlilhom fid-dar. L-iskultur Mastru Salv Psaila (1798-1871) kien jemmen bis-sħiħ fil-*għajn ħażina*. Kif insibu miktub f'paġna 87 tal-"Programm tal-Festa - Għeluq il-150 sena ta' l-istatwa ta' Santa Liena, 1837-1987", fl-artiklu tiegħu, Rev. Kan. Chev. Vinc. Buhagiar jgħid: "...billi l-iskultur kien jemmen bl-għajn ħażina, biex il-vara ma jiġrilhiex ħsara, qiegħed ħdejn riġlejha, bomblu b'wiċċ ta' maskra pinġut fuqu..." (fil-fatt hija ġarra tal-fuħħar b'wiċċ ta' maskra. Dan ġara fl-1837. Il-vara ta' Santa Liena ħarġitlu opġra ta' l-arti tassew sabiħa u kapulavur mill-isbaħ!. Mastru Salv kien Bormliż, u f'Bormla, mhux anqas minn postijiet oħra, kienu jemmnu bis-sħiħ fil-*għajn ħażina*, u li mid-dehera, l-iskluItur kien imġarrab biha.

Meta kont għadni daqsxejn ta' tifel kont inkun ta' sikwit għand nannieti Toni u Vitorja, li kienu joqogħdu Bormla. Kienu negozjanti tat-tabakk bil-manifattura tas-sigarri u kellhom ħafna lavranti jaħdmu magħhom, jobormu s-sigarri f'dak il-post. Xi uħud minnhom kienu mill-irħula ta' qrib Bormla. Dan kien fis-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945). Fl-intrata tad-dar tagħhom kont nara bomblu kbir tal-fuħħar, u ġarra qadima tal-fuħħar f'nofs it-taraġ. Il-bomblu kien ikun mimli bl-ilma tal-bir, u kienu jaraw li jkun dejjem mimli. Darba waħda staqsejt lil nannti għalxhiex kien qiegħed dak il-bomblu mimli bl-ilma, kif ukoll dik il-ġarra fl-indana tat-taraġ, u weġbuni li kienu għall-*għajn ħażina*.... u li jekk jidħol xi għadu fid-dar b'xi *għajn ħażina* fuqu, l-*għajn* ta' dak li jobogħdok tmur dikment fl-ilma u l-bomblu jinfaqa' (..jekk l-*għajn ħażina* tkun qawwija ħafna).

Min jaf waqt il-blitzijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija kemm infaqgħu bombli f'dik il-belt.!...

----------



A



B

A. **Bomblu Malti komuni.**
B. **Il-bomblu li l-iskultur Salvu Psaila qieghed f'riġlejn l-istatwa ta' Santa Liena.**
(ritratti G.Lanfranco)